MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Numru 365/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**
**V**

**MARAWAN ILSAED ALI**

## Il-Qorti;

Rat li l-imputat **MARAWAN ILSAED ALI** ta' dsatax il-sena, bin Sed Ali u Noal, imwieled Basra fl-Iraq nhar l-ewwel ta' Lulju 1988, detentur tan-numru tal-pulizija tal-immigrazzjoni 06AZ-014 gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006 u fi zminijiet ta' wara f'dawn il-Gzejjer ghal habta tal-hdax ta' filghaxija u hinijiet ta'wara kif wkoll ta' qabel, ikkommetta harba mill-post tal-kustodja.

Talli fil-wiehed w ghoxrin t'April 2008, f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu karta tal-identita jew ghamel uzu jkun li jkun minn karta tal-identita li hi mahruga fuq

persuna ohra li ggib l-isem ta’ Elnokrashy Salem Awny Salem ta’ nazzjonalita Egizzjana bin-numru 33513A.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-personal details form tal-imputat, l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha w ghoxrin t’April 2008 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi mmexxija bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif iddikjara nhar l-erbgha w ghoxrin t’April 2008 meta sarlu l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin t’April 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 151 tal-Kap 9 u l-artikolu 12(1) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat MARAWAN ILSAED ALI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal sitt [6] xhur prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------